**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 t'April 2017**

**Talba Nru: 78/16 CZ**

**Perit Arkitett Robert Musumeci**

**vs**

**Emmanuel Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-8 ta' Marzu 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u ghoxrin Euro u disgha u tletin centezmu (€2,420.39) rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti lilu inkluz spejjez amministrattivi, skond l-invoices esebiti u markati Dok. A sa J rispettivament, in

konnessjoni ma' xoghlijiet li saru fuq sit gewwa Triq La Vallette, Birgu, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 2 ta' Dicembru 2015 li saret ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru prezentat fl-ismijiet premessi anness ma' dan l-avviz.

Illi permezz ta' risposta prezentata fid-19 ta' Mejju 2016, il-konvenut wiegeb:

1. Illi preliminarjament, it-talba kif rivolta fil-konfront ta' l-esponenti hija preskritta, ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba fil-konfront ta l-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra wkoll illi b'sentenza parzjali ta' l-14 ta' Dicembru 2016, it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u l-kawza tkompliet fuq il-mertu.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm;

Ra illi fis-seduta tas-6 t'April 2017 il-kawza tghalliet ghas-sentenza ghal-lum;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qieghed jippretendi hlas ghal servizzi professjonali ta' perit li ppresta fl-interess tal-konvenut, u partikolarment sabiex sar tibdil fil-faccata ta' fond f'Misrah ir-Rebha, l-Birgu.

Illi x-xiehda li kellu disponibbli t-Tribunal kienu s-segwenti:

L-attur prezenta ghadd ta' invoices misjuba minn fol. 3 sa fol. 12 tal-process li permezz taghhom, ai fini ta' kontijiet, saret deskrizzjoni dettaljata tax-xoghol li kien involut min-naha tieghu. Dawn l-invoices intbaghtu lill-konvenut fil-fond '14, Docker Street, Paola'.

Illi oltre minn hekk, l-attur prezenta wkoll ittra ufficcjali li kienet saret kontra l-konvenut, li izda ma jirrizultax jekk kinitx qatt giet notifikata.

Illi jirrizulta illi l-konvenut, meta nghata l-gurament, iddikjara li ma ghandu jaghti xejn[1]. Min-naha l-ohra ix-xhud Roberta Caruana[2] indikat illi f'Mejju 2015 kienet saret laqgha fl-ufficcju ta' l-attur, fejn il-konvent qal li 'kien dispost li jibda jhallas', u fil-fatt kien qal illi se jitkellem ma' sid il-post fejn saret l-applikazzjoni biex hu jigbor il-flus minghandu. F'din il-laqgha l-partijiet kienu baqghu illi l-konvenut kien se jmur lura bl-ewwel pagament. Din ix-xhud qalet ukoll illi l-konvenut qatt ma cahad maghha li l-kont mhux dovut u fil-fatt dejjem kien jitlobha zmien biex ihallas. In kontro-ezami[3], din ix-xhud tenniet illi waqt il-laqgha li sehhet f'Mejju ta' l-2015 il-konvenut kien talab li jinghata zmien biex isir ftehim ghal pagamenti, u qalet ukoll li kien indika li ha jitkellem ma' sid il-post biex isir il-hlas. In ri-ezami, qalet li l-applikant mertu ta' din il-kawza huwa Emanuel Camilleri. Qalet li maghha ma kien hemm ebda punt li fih is-Sur Camilleri kkontesta l-ammont li kien qed jintalab.

[1] Fol. 41
[2] Fol. 50
[3] Fol. 53 u 54

Illi xehed ukoll il-konvenut, li qal li hu u certu Joseph Scicluna kienu qabbdu lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghol ta` Perit fuq post partikolari li kien il-Birgu. Dan il-post huwa tas-Sur Joseph Scicluna. Il-konvenut kien cempel lill-attur, u kienu ftehmu li jiltaqghu fuq il-post, u hekk ghamlu. Qal ukoll illi meta l-Perit kien jibghatilhom biex isir il-hlas ghal xi karti minhabba tal-MEPA hu [il-konvenut] kien jghid lil Scicluna u dan kien ihallas. Il-konvenut zied jghid li fuq dan il-kont partikolari hu m'ghandux xi jhallas ghaliex il-post mhuwiex tieghu. Qal ukoll illi mas-Sur Scicluna m`ghadx ghandu kuntatt u ilu ma jkellmu mill-elfejn u ghaxra (2010).

Qal ukoll li ma jiftakarx min kien applika ghal dawn ix-xogholijiet mal-MEPA; ma jidhirlux li kien hu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk hu qattx ircieva l-invoices li jinsabu a fol 3 tal-process et sequitur, qal li ma rcevihomx. Ikkonferma pero' li ltaqa' diversi drabi mal-attur kemm fuq il-post tax-xoghol kif ukoll l-ufficcju tal-attur. Il-konvenut kien jiehu hsieb flimkien ma' Scicluna; Scicluna sa fejn jaf hu qatt ma mar fl-ufficcju tal-attur. Ir-relazzjoni in kwantu din il-bicca tax-xoghol kienet dejjem bejnu u bejn il-Perit attur. Ikkonferma li kienet saret applikazjoni fuq post Victory Square, il-Birgu li kien jikkonsisti f`xogholijiet t`alterazzjoni fil-faccata u xoghlijiet ohra relatati. Ikkonferma inoltre illi anke l-MEPA kienu ltaqghu, hu u l-attur. Ftakar sahansitra li l-applikazzjoni [permess] ma kinitx harget mill-Awtorita` tal-Ippjanar u kienet regghet saret ohra; anzi ppreciza li mhux saret applikazzjoni ohra izda kien sar appell minn dik li kienet giet rigettata.

Meta ncahdet l-applikazzjoni, Scicluna kien jghidlu sabiex jibqghu jappellaw sabiex igibu l-permess. Mistoqsi jekk f`dan il-process kienx informa lis-Sur Scicluna, wiegeb illi l-post mhux tieghu u kien jinfurmah, pero` Scicluna kien jafda f`idejh.

Qal ukoll illi mal-Perit lil Scicluna semmieh diversi drabi anke meta saret l-applikazzjoni. Mistoqsi ghalfejn ma nvolviex lil Scicluna fl-applikazzjoni qal illi dan halla f`idu. Ma jiftakarx li Scicluna m`hemmx ismu jew xi haga ta` dan it-tip. Mistoqsi jekk jikkonfermax li Scicluna qatt ma ffirma fuq l-applikazzjoni qal li ma jiftakarx.

Illi xehdet ukoll Carmen Pace Magro u qalet li taf li l-konvenut kien jahdem u cioe` kien impjegat ma' Joseph Scicluna. Il-hanut kien ta` snacks u kafe`. Ftakret li Joseph Scicluna kien

qabbad lill- konvenut biex jaghmel dan ix-xoghol fil-hanut. Dan hi kienet tafu personalment ghaliex hi u l-konvenut qeghdin f`relazzjoni. Meta l-konvenut gie inkarigat jaghmel dan ix-xoghol, hi ma kinitx prezenti. In kontro-ezami qalet illi l--applikant ghax-xogholijiet sa fejn taf hi kien Joseph Scicluna. Qalet li dan tafu ghaliex meta marru ghand l-attur tawh id-dettalji. Qalet li hi u l-konvenut kienu marru ghand il-Perit darba. Qalet illi d-dettalji ta` Joseph Scicluna inghataw lill-Perit. Izda qalet ukoll illi l-applikant kien Camilleri ghax kien jiehu hsieb il-hanut. Qalet li taf illi Joseph Scicluna kien baghat l-affarijiet lill-Perit u kien qal lill-konvenut li kienu ha jibdew mexjin. Qalet li Scicluna qatt ma nvolva ruhu ghax Camilleri kien jiehu hsieb il-hanut pero` huma lill-attur kienu qalulu li l-post kien ta` Scicluna. Mistoqsija ghalfejn Scicluna qatt ma ltaqa' ma' l-attur, qalet ill l-attur qatt ma baghat ghalih. Qalet ukoll li hi kontijiet ma rcevietx. Ma tafx Camilleri qattx kien jircievi kontijiet tal-attur.

Illi fil-fehma tat-Tribunal hargu b'mod car is-segwenti fatti:

1. Illi l-attur ghamel xoghlijiet ta' perit fuq fond fil-Birgu.
2. Illi ghal dan ix-xoghol, l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut, tant illi dan ta' l-ahhar kien cempillu personalment u ftehmu li jiltaqghu fuq il-post.
3. Illi dan ix-xoghol kien jinvolvi xi applikazzjonijiet ma' dak iz-zmien MEPA u anke xi appelli mid-decizjonijiet relattivi, kollox kif jintwera fl-invoices relattivi.
4. Illi l-konvenut kien f'kuntatt kontinwu ma' l-attur dwar id-dettalji tax-xoghol li kien jehtieg isir.
5. Illi l-applikazzjonjiet relattivi mal-MEPA saru f'isem il-konvenut. F'dan ir-rigward hemm kontradizzjoni bejn dak li qal il-konvenut u x-xhud minnu prodotta, ghaliex il-konvenut qal illi l-applikant kien Joseph Scicluna, filwaqt illi Carmen Pace Magro qalet illi l-applikant kien il-konvenut. Roberta Caruana wkoll ikkonfermat li l-applikant kien il-konvenut.
6. Gie wkoll stabbilit illi kien sar inkontru ta' darba bejn il-Perit, Roberta Caruana, il-konvenut, u Carmen Pace Magro, fejn il-konvenut ma cahad bl-ebda mod illi ghandu jhallas – anzi talab illi jigi stabbilit programm ta' hlas. Ix-xhud Roberta Caruana qalet ukoll illi f'dak l-inkontru l-konvenut kien iddikjara li kien ser

ikellem lil Joseph Scicluna, sid il-post, dwar dawn il-kontijiet tal-perit. Din hija haga li evidentement il-konvenut m'ghamilhiex, ghaliex fix-xiehda tieghu iddikjara li kien ilu ma jkellem lil Scicluna mill-2010, filwaqt li l-laqgha saret fl-2015.

Illi kollox jindika illi fizikament ix-xoghol sar, u l-uniku kontestazzjoni li jidher li hemm hija dwar jekk il-hlas ghandux isir mill-konvenut jew minn Joseph Scicluna.

Illi t-Tribunal ikkonsidra wkoll illi l-eccezzjonjiet tal-konvenut huma generici, u m'hemm l-ebda eccezzjoni dwar min ghandu jkun il-legittimu kontradittur. Izda t-Tribunal xorta jhoss, ladarba l-konvenut qed isostni illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati, illi ghandu jindirizza anke dan il-punt.

Illi ghandu jinghad fl-ewwel lok illi anke jekk stess il-konvenut qed isostni illi ghandu jhallas Joseph Scicluna, dan ma ngiebx bhala xhud mill-konvenut, li kellu interess li jipproducieh, sabiex jaghti dawl fuq dan. Jibqa' l-fatt inoltre illi fin-negozji kollha relattivi, kien il-konvenut li pprezenta ruhu bhala l-persuna li qed titlob is-servizzi tal-Perit. Ix-xhud Carmen Pace Magro stess qalet illi kien huwa l-applikant ghax kien jiehu hsieb il-hanut hu. Il-konvenut cempel lill-Perit, iltaqa' mieghu, halla ismu jitnizzel fid-dokumenti tal-MEPA, kien jaf bl-appelli u bil-proceduri li saru, u sahansitra ghazel li jattendi laqgha fl-ufficcju tal-Perit minghajr ma jinforma lil Joseph Scicluna, li suppost skond il-konvenut kellu interess, li kienu se jkun hemm din il-laqgha. It-Tribunal ghalhekk isibha difficli jemmen illi mhuwiex il-konvenut dak li ghandu verament iwiegeb ghat-talba attrici.

Illi kwantu ghax-xoghol li tieghu l-attur qed jitlob il-hlas, ma gie bl-ebda mod kontestat illi dan ix-xoghol ma sarx, jew ma sarx skond il-hiliet mitluba mill-professjoni.

Illi jibqa' ghalhekk illi l-unika raguni illi biha l-konvenut jista' jispjega t-tieni (u f'dan l-istadju, unika) eccezzjoni tieghu kienet dik illi kellu jhallas Scicluna u mhux hu; argument li ghat-Tribunal ma jregix, ghar-ragunijiet fuq imsemmija; izda wkoll fuq kollox minhabba li l-konvenut, kemm fl-inkontru li kellu mal-Perit, kif ukoll fit-tahdidiet li kellu ma' Roberta Caruana, kien accetta r-responsabilta' tal-hlas.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih.  Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[4] illi:

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg tal-principju illi *omnia labor, optat premium*. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"

[4] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis*, anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit –vs-Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

Illi kwantu ghall-apprezzament li jispetta lil dan it-Tribunal dwar jekk l-ammont mitlub mill-attur huwiex ragonevoli jew le, ghandu jinghad illi l-ammonti mitluba huma

carament spjegati fl-invoices relattivi, u t-Tribunal m'ghandux raguni ghalfejn jiddubitahom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn, erba' mija u ghoxrin Euro u disgha u tletin centezmu (€2,420.39), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Ġudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur